TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 348/11 (JE).

Denise Sultana Frendo

vs

Camilleri Trading Ltd eserċenti l-kummerċ taħt l-isem Mothercare.

Illum, 27 ta' Frar 2012.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Denise Sultana Frendo tat-18 ta' Awwissu 2011 fejn stqarret illi kienet xtrat pushchair mingħand is-soċjetà intimata fl-14 ta' April 2011 b'sitt xhur garanzija imma wara xahrejn inkisret minkejja illi ftit kienet użatha peress illi kienet għamlet tlett ġimgħat imsiefra bit-tifel. Is-soċjetà intimata offritielha alternattiva peress kellha bżonn urġenti terġa ssiefer. Ir-rikorrenti qiegħda madankollu tilmenta illi kellha tħallas għat-tiswija u li l-puschchair ma ssewwietx sew u trid rifużjoni tal-prezz imħallas għall-pushchair u ċioè € 135.

Ra r-risposta tas-soċjetà intimata li fiha sostniet illi l-ħsara fl-istroller in kwistjoni ma kienetx koperta bil-garanzija minħabba illi l-ħsara saret minħabba traskuraġini jew użu ħażin. Minkejja dan u minkejja li ma kellhiex obbligu, is-soċjetà intimata offrietilha stroller ieħor u sewwiet l-istroller in kwistjoni, għal-liema tiswija talbet is-somma ta' € 5. L-istroller illi kien ingħata intant lir-rikorrenti ma ġiex irritornat u s-soċjetà intimata kellha tibgħat in-nies tagħha sabiex tiġbor dan l-istroller. Is-soċjetà intimata ċaħdet illi l-istroller li sewwiet irritornatu mkagħbar.

Ra ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi r-rikorrenti ma jidhierx illi ppruvat illi kien hemm xi nuqqas ta' kompatibilità fil-prodott mixtri illi jintitolaha illi titlob ir-rifużjoni tal-ħlas imwettaq għall-istroller in kwistjoni.

Illi qajla huwa verosimili illi stroller jinkiser għax wieħed ipoġġieh fil-booth ta' karozza u t-Tribunal iħoss illi t-teżi tas-soċjetà konvenuta illi x'aktarx ingħalqet ħażin jew ix-chassis tagħha ġie sfurzat ħażin hija aktar kredibbli.

Illi jidher ukoll mix-xhieda prodotta u m'hux kontradetta mir-rikorrenti illi s-soċjetà intimata kkomportat ruħha b'mod eżemplari, ipprovdiet stroller sostitut għas-sodisfazzjon tar-rikorrenti u sewwiet l-istroller in kwistjoni versu ħlas ferm nominali. Illi jidher ukoll illi l-atteġjament tar-rikorrenti u speċjalment ta' missierha ma tantx kien meritevoli.

Illi t-Tribunal irid jagħmilha ċara illi l-protezzjonijiet statutorji ma jesimux lill-konsumatur mir-responsabilitajiet tiegħu u speċjalment, jekk l-oġġett ma jintużax kif suppost. It-Tribunal irid ikun konvint illi l-prodott kien ibati minn difett illi juri nuqqas ta' kompatibilità mal-ispeċifiċi tal-oġġett mixtri sabiex ikun jista' jagħti rimedju. F'dan il-każ, tali konvinċiment ma jeżistiex.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jiċħad t-talba ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.